MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA

KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## JOSETTE DEMICOLI

Seduta tal-11 ta' Marzu, 2014

Numru. 132/2014

Il-**Pulizija**

**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**Vs**

**Roderick Cauchi ta' 25 – il sena iben Anthony u Mary Anne nee' Ellul, imwieled Rabat Ghawdex, nhar il-5 ta' Lulju 1988 u residenti Liberty House, Triq San Gwann, Nadur Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 31888G.**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat talli nhar it-8 ta’ Marzu 2014, gewwa d-Dwejra limiti ta’ San Lawrenz Ghawdex u gewwa diversi postijiet ohra f’dawn il-gzejjer, ghall-habta tal-erbgha u kwart ta’ wara nofsinhar (16.15hrs) u kif ukoll fil-hinijiet ta’ qabel;

1. Talli saq vettura bil-mutur u cioe’ mutur tal-ghamla Yamaha minghajr ma kellha licenza;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi saq vettura bil-mutur u cioe’ mutur tal-ghamla Yamaha minghajr ma l-licenzja tal-imsemmija vettura kienet mahurga mill-Awtorita’ kompetenti jew mgedda ghas-sena kurrenti;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi saq vettura bil-mutur u cioe’ mutur tal-ghamla Yamaha minghajr ma kellu l-pjanci tar-registrazzjoni jew pjanci mahruga minn xi awtorita’ kompeteti ohra;

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi saq fi triq pubblika vettura bil-mutur u cioe’ mutur tal-ghamla Yamaha minghajr ma kien kopert b’polza tal-assigurazzjoni ghal riskji ta’ terzi persuni;

5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi saq vettura bil-mutur u cioe’ mutur tal-ghamla Yamaha u hadet sehem jew organizzat *offroading* jew avveniment ta’ *offroading* f’lokalita mhux indikata bhal *offroading site;*

6. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi uza jew gieghel lill-persuna ohra tuza vettura bil-mutur u cioe’ mutur tal-ghamla Yamaha

ghal *offroading* minghajr ma kien kopert b'polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni li tkopri kull tip ta' avveniment ta' *offroading;*

Rat li waqt l-udjenza tallum mizmuma minn din il-Qorti l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Rat il-verbal tal-udjenza tallum stess.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u ghalhekk dawn huma sodisfacjentement pruvati.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-Artikolu 15(1)(a) tal-Kap. 65; r-regolament 13(1) tal-Avviz Legali 198 tal-2009; ir-regolament 13 tal-Avviz Legali 198 tal-2009; l-artikolu 3(1) tal-Kapitolu 104; l-artikolu 3(1) tal-Legislazzjoni sussidjarja 504.14; u l-artikolu 4(1) tal-Legislazzjoni sussidjarja 504.14 fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah ihallas multa ta' elfejn u hames mitt euro (€2,500) u tiskwalifikah minn kull licenzja tas-sewqan ghall-perjodu ta' sena li jibda jiddekorri minn nofs-il lejl ta' ghada 12 ta' Marzu 2014.

Il-Qorti fuq talba ta’ l-imputat qeghda takkorda lill-istess imputat sabiex il-multa mposta tithallas b’rati mensili ta’ mitejn euro (€200) u allura l-ahhar rata li se tithallas tkun ta’ tlett mitt euro (€300) b’dawn li l-ewwel rata ghandha tithallas fl-ahhar ta’ dan ix-xahar.

Il-Qorti qed tordna n-notifika ta’ din is-sentenza lid-Direttur ta’ Transport Malta.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------